FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D
## Seduta ta' nhar il-Hamis, 10 ta' Jannar, 2002

**Avviz Nru. 881/01 PM**

**Gasan Mamo Insurance Agency Limited**

**vs.**

**Joseph Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih is-socjeta' talbet il-hlas ta' disgha mija tnejn u erbghin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (LM942.49c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' poloz ta' assikurazzjoni u spejjez konnessi mal-imsemmija poloz ta' assikurazzjoni mahruga lill-konvenut mis-socjeta' attrici.

Ra li rapprezentant tas-socjeta' attrici ikkonferma li l-ammont hu dovut.

Ra li l-konvenut gie debitament notifikat izda naqas li jipprezenta risposta jew jikkontesta il-kawza.

Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz.

**Av. Philip Manduca**

**Gudikatur**